**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**
**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2015

Talba Numru: 233/2015AM

Numru fuq il-Lista: 20

**Strand Palace Agencies Limited (C3838)**

**vs**

**Brian Tonna**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fit-23 ta' Marzu, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet l-hlas ta' hames mija u sitta u disghin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€596.58c) ammont bilancjali dovut ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata lil konvenut bl-ispejjez bil-prezenti, tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Frar, 2015 u bl-imghax legali mis-16 ta' Settembru, 2013 data tal-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in Subizzjoni.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm l-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, l-konvenut ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deherx ghas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu u n-nota ta' riduzzjoni tas-Socjeta' attrici fejn irriduciet l-ammont pretiz minn hames mija u sitta u disghin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€596.58c) ghall-tlett mija u sitta u hamsin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€356.58c).

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta' attrici tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ghall-tlett mija u sitta u hamsin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€356.58c) u bl-imghax legali mis-16 ta' Settembru, 2013 data tal-ahhar konsenja sal-effettiv pagament.

L-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Frar, 2015 huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**